MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2001

Avvi$Z Numru. 1672/1999/1

**Avviz Nru:-1672/99 DM**

**Maltacom plc**
**vs**

**Finesse LImited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' erba' mija u tnax-il lira u seba' u sebghin centezmu (Lm412.77) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 682895 (numru tal-klijent 332905) skond kif jirrizulta mill-anness mal-avviz Dok A liema servizz gie stallat fil-fond HF 14A, Industrial Estate, Hal Far u dana skond ma kif jidher mill-anness mal-avviz Dok B u C.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Ottubru, 1998 u tat-taxxa fuq id-drittijiet

professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Finesse Limited fejn eccepixxa:

1. illi t-talba tas-socjeta' attrici hija preskritta a tenur tal-artikli 2148 u 2156 tal-Kodici Civili;
2. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi s-socjeta' konvenuta mhiex debitrici tas-socjeta' attrici.
3. Salvi eccezjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi l-preskrizzjoni eccepita mill-konvenuti hija dik tat-tmintax-il xahar u alternattivament dik ta' hames snin.

Mid-deposizzjoni ta' Saviour Farrugia, rappresentant tal-kumpanija attrici u l-prospett esibit minnhom jirrizulta li l-arretrati ta' Lm351.22 relatati mal-uzu tas-servizz ilhom pendenti sa mill-1 t'Ottubru 1994 u billi l-avviz gie pprezentat fis-16 ta' Novembru 1999 u ma saret ebda interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni t-talba attrici fejn jirrigwarda l-imsemmija somma hija definittvament preskritta.

Il-bilanc mitlub jirreferi ghall-kera tas-servizz li definitivament ma kienx qed jigi utilizzat. Ghalhekk, stante il-kontestazzjoni guramentata tar-rappresentant tal-kumpanija konvenuta ma jirrizultax ippruvat li kien effettivament jezisti dan is-servizz sal-1994 u t-talba attrici ghal dan il-bilanc ma tirrizultax gustifikata.

Ghalhekk tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------